**16 ta' Mejju, 1984**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
***Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.***

Joseph Farrugia

*versus*

Francis Bartolo

**Kollizjoni ta' Karozzi - *Quantum* tad-Dannu**

*Il-Qorti kkwotat b'approvazzjoni mill-Gibb* "Trial of Motor Car Accident cases": *"if the plaintiff's car is beyond repair, he need not repair it and he will be entitled to receive the difference between the value before and after the injury". L-attur appellat m'ghandux dritt li jgieghel lill-konvenut appellant li jaċetta r-* wreckage. *Din tibqa' tieghu u jkollu d-dritt li jiddisponi minnha u b'dan il-mod idahhal il-valur taghha bhala* wreckage.

"It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained upon the wrongful act in respect of which he sues and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure himself, his character, his business or his property to reduce *the damages* payable to the wrongdoer".

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fil-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili li bih l-attur, wara li ppremetta illi fit-2 ta' Ottubru, 1978, waqt li kien isuq il-karozza tieghu Subaru nru. 86629 ġol-Mosta, din sfat involuta f'inċident awtomobilistiku mat-*truck* numru 5184 misjuq mill-konvenut u ġarrbet ħsarat inġenti u illi l-inċident ġara minħabba negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut li, interpellat biex jagħmel tajjeb id-danni mġarrba mill-attur, ma riedx jaċċetta responsabbilità sħiħa għall-inċident, talab li: (1) dik il-Qorti tiddikjarah responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni konsegwenzjali kollha mġarrba mill-attur; (2) tillikwida d-danni okkorrendo bl-opra ta' perit *nominandi*; (3) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dik is-somma hekk dikjarata bħala dovuta in linea ta' danni, bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Mejju, 1979, u bl-imgħax skond il-liġi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi bla preġudizzju u in linea ta' transazzjoni kien ippreparat jaċċetta r-responsabbilità għall-kolliżjoni fi grad ta' ħamsa u tmenin fil-mija (85%) waqt li l-attur ikkontribwixxa b'ħmistax fil-mija (15%) għall-kolliżjoni, illi fil-fatt il-grad ta' responsabbilità ta' l-attur hija qawwija ħafna kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u illi rigward id-danni l-konvenut ħa bħala bażi li l-karozza ta' l-attur hija *a total loss* u kien ippreparat iħallas fuq din il-bażi assumendo li l-*pre-accident value* mitlub permezz ta' ittra uffiċjali tad-9 ta' April, 1979, kien ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1700);

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fit-30 ta' April, 1980, li biha laqgħet it-talbiet ta' l-attur u għalhekk iddikjarat li l-kolliżjoni tat-2 ta' Ottubru, 1978, ġrat unikament bi ħtija tal-konvenut, illikwidat id-danni kollha sofferti mill-attur fl-imsemmija kolliżjoni fl-ammont globali ta' elf, disa' mija, tnejn u erbgħin lira u disgħa u sittin ċenteżmi (Lm1942.69) (billi l-attur għażel u ser iżomm il-karozza mkissra hu) u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' *elf, disa' mija, tnejn u erbgħin lira, disa' u sittin* ċenteżmi (Lm1942.69), somma hekk likwidata in linea ta' danni għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat illi:

Din il-kolliżjoni ġrat fit-triq li tagħti mill-Mosta għall-Ħal Lija. L-attur *li kellu t-tifel miegħu kien qiegħed isuq il-karozza* 86629 mid-direzzjoni tal-Mosta lejn Birkirkara viċin is-*centre strip* li hemm fit-triq bi *speed* ta' bejn 35 u 40 mil fis-siegħa. Il-konvenut kien qed isuq *truck* nru. 5184 u kien nieżel mit-triq tan-Naxxar li tiżbokka għat-triq li minnha kien għaddej l-attur bil-karozza tiegħu. Il-kontendenti ħabtu fit-triq ta' l-attur li tiġi quddiem it-triq li titla' n-Naxxar u tiġi f'*Labour Avenue* u quddiem il-fabbrika tal-madum ta' Ħal Mann;

Waqt li l-attur jgħid li kien għaddej *mit-triq tiegħu* bl-*speed* ta' 35/40 mil fis-siegħa, *speed* permess mil-liġi f'dawk l-akkwati f'daqqa waħda ħariġlu l-konvenut *mix-xellug tiegħu*, imblokkalu t-triq u ħabtu. Min-naħa l-oħra l-konvenut jgħid li meta niżel mit-triq tan-Naxxar huwa daħal fid-daħla tat-*Traffic Islands* li hemm u waqaf, ra sewwieq ta' van li għamel qiesu sinjal b'rasu biex hu jgħaddi u qasam. Dak il-ħin ma ra xejn aktar. Kif kien f'nofs il-karreġġjata hu beda jħares lejn ix-xellug biex jara hux ġej xi ħadd minn hemm għax hu ried jilwi lejn il-Mosta. Dak il-ħin ħabtu;

Mir-riżultanzi fil-każ jirriżulta li l-attur kien għaddej minn triq prinċipali, anżi *highway*, li ġġonġi Birkirkara u postijiet oħra, mal-Mosta u San Pawl il-Baħar, triq li minnha jgħaddi traffiku kontinwu. Huwa kien miexi bi *speed* raġonevoli u f'daqqa waħda sab it-*truck* tal-konvenut li bblokkalu t-triq u ħabat miegħu;

Ma tantx hu diffiċli f'dan il-każ li wieħed jiddeċidi ta' min kienet ir-responsabbilità għall-ħabta in kwistjoni. Ġie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti li min ikun ħiereġ f'*highway* minn triq sekondarja għandu diversi obbligi imposti fuqu u mhux la kemm jaqbad u joħroġ biex jaqsam il-*highway* biex jagħmel il-manuvra li għamel il-konvenut. Int u nieżel minn fejn kien ġej il-konvenut għandek angolu li xi ftit jimpedilek il-vista tat-traffiku li jkun ġej mill-Mosta. Għalhekk il-konvenut kellu jieqaf sew fid-daħla fejn kellu jieqaf u jeżamina ftit it-traffiku li jkun ġej mix-xellug tiegħu u biss wara li jkun aċċerta ruħu li mhu ġej ħadd jissokta joħroġ. Barra minn hekk waqt li jkun qed joħroġ irid dejjem joqgħod attent għat-traffiku li jkun ġej mil-lemin tiegħu u mhux għal dak li ġej mix-xellug kif għamel il-konvenut fil-każ in eżami, sakemm qasam il-karreġġjata u jiġi biex jidħol fl-oħra;

Għalhekk il-Qorti taqbel perfettament mal-perit legali fil-kawża li sab li l-ħabta ġrat unikament tort tal-konvenut, li ma esplorax tajjeb il-*major road* qabel ma beda jaħseb biex jaqsamha u naqas li jagħti r-*right of way* lill-attur, anzi ħoloq *a sudden emergency* mingħajr ma kellu ħin biex jevitah. Lanqas ma jidher li l-attur ikkontribwixxa b'xi mod għall-ħabta bis-sewqan tiegħu. Huwa kien għaddej fi triq prinċipali bi *speed* raġonevoli u ma kellux għalfejn jistenna li jsib it-*truck* tal-konvenut kif sabu fil-fatt, jimblokkalu t-triq;

B'verbal tal-15 ta' April, 1980, ġie rreġistrat li l-attur jippreferi li jżomm il-karozza danneġġata u li d-difensur ta' l-attur isostni li l-klijent tiegħu għandu dritt għar-rimbors tal-perijodu kollu tal-*garaging*. Il-perit legali ttratta fuq il-kwistjoni tal-*garaging* tar-*wreck* tal-karozza ta' l-attur fil-paragrafu 29 tar-relazzjoni tiegħu a fol. 43 tal-proċess. Il-perijodu tal-*garaging* kien bejn it-2 ta' Ottubru, 1978, u l-14 ta' Settembru, 1979 u dana bir-rat ta' 25 ċenteżmu kulljum. L-ammont kollu tal-*garaging* tela' Lm87. Skond l-istess perit legali l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur kellu faċilitajiet ta' *garaging* b'xejn ma ġietx ippruvata. Għad li skond il-fehma ta' l-istess perit din l-allegazzjoni ma ġietx ippruvata hu ħass li l-ammont mitlub għal *garaging* kien daqsxejn eċċessiv u *arbitrio boni viri* huwa ħass li s-somma ta' Lm40 hija ġusta. Il-Qorti, wara li eżaminat il-provi f'dan ir-rigward, ma taqbilx mal-konklużjoni tal-perit u hi tal-fehma li r-rata ta' 25c kulljum għal *garaging* tar-*wreck* in kwistjoni hija raġonevoli u għalhekk it-talba ta' l-attur f'dan ir-rigward għandha ukoll tiġi milqugħa. Fil-fatt dan l-ammont kollu li ħallas l-attur għall-*garaging* kien Lm87 u hu pproduċa riċevuta tal-ħlas effettiv;

Għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti li l-likwidazzjoni tal-perit legali għandha tiġi adottata ħlief għal dak li ntqal fir-rigward ta' l-*item* tal-*garaging* fejn l-ammont ta' Lm40 għandu jiġi mibdul f'Lm87. Għalhekk stante l-fatt li l-attur għażel li

jżomm ir-*wreck* tal-karozza huwa, il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni kollha fl-ammont ta' Lm1942.69c jiġifieri mill-ammont ta' Lm2095.69c li llikwida l-perit legali tnaqqsu Lm200 kif semma' hu stess prezz tar-*wreck* tal-karozza u żdiedet is-somma ta' Lm47 differenza tal-*garaging*;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Francis Bartolo ppreżentata fid-9 ta' Mejju, 1980;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-imsemmi Francis Bartolo ppreżentata fis-27 ta' Mejju, 1980, li biha, għar-raġunijiet hemm sottomessi, talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata inkwantu li ddikjarat lill-konvenut unikament responsabbli għall-kolliżjoni billi tiddikjara li l-kolliżjoni ġrat b'tort taż-żewġ kontendenti fi grad ta' responsabbilità li l-Qorti tiffissa għal kull wieħed minnhom u tirriforma ukoll is-sentenza appellata in kwantu l-ammont ta' danni li ġew illikwidati u l-istess danni li ġie kkundannat iħallashom il-konvenut billi tillikwida d-danni sofferti f'ammont inqas minn dak likwidat u dana għar-raġunijiet esposti fil-petizzjoni; u billi tikkundanna lill-konvenut iħallas biss dak l-ammont ta' danni skond il-grad ta' responsabbilità tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat ippreżentata fid-9 ta' Diċembru, 1980;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Il-perit legali wasal għall-konklużjoni illi l-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni ġara unikament tort tal-konvenut appellant. Il-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa l-provi, ma tara l-

ebda *raġuni* l-għala għandha tiddipartixxi minn din il-konklużjoni peritali;

*Omissis*;

Ma jistax jingħad li l-attur appellat kien b'xi mod negliġenti u *għalhekk ikkontribwixxa għall-ħabta. L-attur* appellat, meta kien ġej mit-triq prinċipali u meta kien għadu xi distanza l-bogħod mill-post tal-ħabta, kien ra t-*truck* tal-konvenut appellant, li, skond l-istess konvenut appellant, allura kienet wieqfa, u bħala *main road user*, l-attur appellat kellu dritt jistenna' li t-*truck* tal-konvenut appellant ma joħroġx sakemm huwa, bħala *main road user*, jgħaddi. Jekk il-konvenut appellant, minħabba li ma żammx *a proper lookout* ma rax il-karozza ta' l-attur appellat ġejja kif seta' jaraha bħalma ra t-*truck* tiegħu l-attur appellat, u għalhekk ħareġ fit-triq prinċipali, għal dak ċertament ma għandu l-ebda ħtija l-attur appellat li kellu dritt jistenna' li t-*truck* ma joħroġx sakemm jgħaddi;

*Omissis*;

Għalhekk il-Qorti tirritjeni li l-kolliżjoni ġrat unikament tort tal-konvenut appellant;

*Ikkunsidrat:*

Fil-petizzjoni ta' l-appell il-konvenut appellant qiegħed jissottometti li una volta ġie aċċettat li l-karozza ta' l-attur appellat kienet *total loss*, id-dritt ta' l-għażla ma jibqax f'idejn l-attur appellat imma jgħaddi għand il-konvenut appellant jekk iħallasx *pre-accident value tal-karozza jew inkella l-ispiża tat-*tiswija;

Il-Qorti però ma tistax taqbel ma' din is-sottomissjoni tal-konvenut appellant u fil-fehma tagħha il-posizzjoni ġuridika hija din: jekk il-karozza ta' l-attur appellat għandha tiġi kkunsidrata bħala *total loss* (u fuq dan ma jidhirx li hemm kwistjoni bejn il-kontendenti), allura l-attur appellat huwa intitolat, kif fil-fatt huwa intitolat, li jiġbor mingħand il-konvenut appellant id-differenza bejn il-valur ta' l-istess karozza qabel l-inċident u l-valur tagħha wara l-inċident għax dawk huma d-danni li sofra. Kif jgħid il-Gibbb *Trial of Motor Car Accident Cases*, sec. 282, paġna 199: "*If the plaintiff's car is beyond repair, he need not repair it and he will be entitled to receive the difference between the value before and after the injury*" u *op. cit.*, sec. 352, paġna 243: "*The only posible measure of damages where it cannot be so repaired is the difference between the market value before the accident and the value after it i.e. the value of the wreckage*". L-attur appellat m'għandux dritt *li jġiegħel lill-konvenut appellant li jaċċetta r-wreckage*, ċjoè il-karozza danneġġata imma din tibqa' tiegħu u jkollu d-dritt li bħala tiegħu, jiddisponi minnha u b'dan il-mod idaħħal il-valur tagħha bħala *wreckage*. Jekk imbagħad il-konvenut joffri u jintrabat li jieħu r-*wreckage* (sija qabel kif ukoll anke waqt il-proċeduri ġudizzjarji) fil-każ ta' deċiżjoni avversa għalih, u dina l-offerta tiegħu tiġi aċċettata mill-attur, allura f'dan il-każ l-attur ikun intitolat għall-*pre accident value* kollu tal-karozza danneġġata u dan mhux in vista ta' l-azzjoni tiegħu għad-danni imma in vista ta' l-obbligazzjoni fuq imsemmija tal-konvenut u aċċettata mill-attur. (Ara fl-istess sens, Prim'Awla Qorti Ċivili **Kevin Caruana *vs* Gaetano Vassallo**, 7 ta' Jannar, 1983);

L-għażla għalhekk fil-fehma tal-Qorti mhix f'idejn il-konvenut appellant, kif qed jippretendi, imma tiddependi mill-aċċettazzjoni da parti ta' l-attur appellat ta' l-offerta tal-konvenut appellant (fil-każ li dan jagħmilha) li jieħu r-*wreckage*, ċjoè il-karozza danneġġata;

Issa fil-każ preżenti, għalkemm jirriżulta mid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut appellant li l-karozza ta' l-attur appellat kienet *total loss*, ma jirriżultax li l-konvenut appellant offra li jżomm ir-*wreckage* u wisq inqas li ġiet aċċettata xi offerta simili mill-attur appellat. Anzi mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' April, 1980, jirriżulta li l-attur appellat jippreferi li jżomm il-karozza dannegġata;

Għalhekk l-attur appellat huwa intitolat għad-differenza bejn il-*pre accident value* tal-karozza u l-valur tagħha bħala *wreckage* wara l-inċident, kif ukoll li jżomm ir-*wreckage*;

Il-konvenut appellant qiegħed jissottometti illi l-*pre-accident value* ta' elf u disa' mitt lira Maltija (Lm1900) suġġerit mill-perit legali huwa eċċessiv u qed jissottometti li s-somma ta' elf u seba' mitt lira Maltija (Lm1700) tkun iżjed xierqa fiċ-ċirkostanza. Filwaqt li l-Qorti tapprezza l-argumenti miġjuba mill-konvenut appellant bħala raġuni għal din is-sottomissjoni tiegħu, wara li ħasbitha fit-tul ma tarax li huma biżżejjed biex iġiegħluha tiddiskosta ruħha mis-sottomissjoni peritali;

Kwantu mbagħad għas-sottomissjoni tal-konvenut appellant li l-attur appellat m'għandux dritt għall-ispejjeż tal-*garaging* billi l-konvenut appellant kien ippreparat jiggaraxja b'xejn, il-Qorti tħoss li ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni billi, se mai, kien dover tal-konvenut li jagħmel l-offerta tal-*garaging* b'xejn u ma jirriżulta minn imkien li din l-offerta qatt saret;

Din il-Qorti però ma tistax taqbel mal-*quantum* tas-somma akkordata mill-Ewwel Qorti għall-*garaging* tal-karozza dannegġata ta' l-attur appellat. Kif jidher mid-deċiżjoni tagħha fil-kawża **Mallia *vs* Moore**, fis-26 ta' Novembru, 1954, (Kollezzjoni Deċiżjonijiet, Vol. XXXVIII - I - 249) din il-Qorti

kienet segwiet dan il-prinċipju enunċjat mill-Halsbury (Vol. X, paġna 143): *"It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect; but he is under no obligation to injure himself, his character, his business or his property, to reduce the damages payable to the wrongdoer. The question what is reasonable for a plaintiff to do in mitigation of his damages is not a question of law but one of fact in the circumstances of each particular case, the burden of proof being upon the defendant"*. Din il-Qorti, fis-Sede Inferjuri Ċivili tagħha, kienet applikat l-istess prinċipju fil-kawża **Xuereb** *vs* **Livick** tat-3 ta' Novembru, 1956 (Kollez. Deċ. Vol. XL - I - 653, 657) fejn ġie ukoll spjegat li l-imsemmi prinċipju jfisser li l-ġudikant għandu jara: (1) jekk id-danneġġat setax jew le inaqqas il-ħsara; u (2) jekk, kieku kellu jnaqqasha, kienx jippreġudika l-proprjetà tiegħu, f'liema każ mhux tenut li jnaqqasha";

Fil-każ preżenti ma jidhirx li qatt ġie kkontestat illi l-karozza ta' l-attur appellat kienet *total loss*. L-attur appellat għalhekk seta', jekk mhux immedjatament wara l-inċident almenu ftit wara l-mandat, jipproċedi biex jiddisponi mir-*wreckage* u b'dan il-mod ma jkollux bżonn iżjed iħallas għall-*garaging* tagħha. Il-Qorti, wara li qieset iż-żmien li raġonevolment kellu jgħaddi biex l-attur appellat jibda jieħu passi biex jiddisponi mir-*wreckage* u biex fil-fatt jiddisponi minnha, u wara li qieset ukoll illi s-somma ta' ħamsa u għoxrin ċenteżmi (25c) kuljum għall-*garaging* hija, kif sewwa qal il-perit legali eċċessiva, tirritjeni illi s-somma ta' erbgħin lira Maltija (Lm40) suġġerita mill-istess perit legali għall-*garaging* hija iktar xierqa fiċ-ċirkostanza;

Kwindi s-somma ta' elf disa' mija tnejn u erbgħin lira Maltija, disgħa u sittin ċenteżmi (Lm19442.69) akkordata mill-

Ewwel Qorti għandha tiġi ridotta bis-somma ta' sebgħa u erbgħin lira Maltija (Lm47) i.e. id-differenza bejn sebgħa u tmenin lira Maltija (Lm87) akkordata mill-Ewwel Qorti għall-*garaging* tar-*wreckage* u s-somma ta' erbgħin lira Maltija (Lm40) akkordata minn din il-Qorti, u għalhekk is-somma totali li għandha titħallas bħala danni tammonta għal elf, tmien mija u disgħin lira Maltija, disgħa u sittin ċenteżmi (Lm1895.69);

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell in kwantu li l-konvenut appellant talab li din il-Qorti tiddikjara li l-kolliżjoni ġrat b'tort taż-żewġ kontendenti fi grad ta' responsabbilità li l-Qorti tiffissa għal kull wieħed minnhom, billi tiddikjara lill-konvenut appellant unikament responsabbli għall-kolliżjoni fuq imsemmija u f'dan is-sens tikkonferma s-sentenza appellata u billi tirriforma l-istess sentenza kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna tal-ħlas tad-danni billi tillikwida d-danni dovuti lill-attur appellat fis-somma ta' elf tmien mija, ħamsa u disgħin lira Maltija, disgħa u sittin ċenteżmi (Lm1895.69) minflok fis-somma ta' elf, disgħa mija, tnejn u erbgħin lira Maltija, disa' u sittin ċenteżmi (Lm1942.69) likwidata mill-Ewwel Qorti u billi tikkundanna lill-konvenut appellant iħallas lill-attur appellat l-imsemmija somma ta' elf, tmien mija, ħamsa u disgħin lira Maltija, disgħa u sittin ċenteżmi (Lm1895.69) in linea ta' danni. L-ispejjeż tal-kawża ta' l-ewwel istanza għandhom jitħallsu kif deċiżi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u l-ispejjeż tat-tieni istanza għandhom kwantu għat-talba għad-dikjarazzjoni għar-responsabbilità jitħallsu mill-konvenut appellant u kwantu għall-kumplament ta' l-ispejjeż dawn jitħallsu kwantu għal wieħed minn erbgħin parti (1/40) mill-attur appellat u disgħa u tletin minn erbgħin parti (39/40) mill-konvenut appellant, u f'dan is-sens tiddisponi mill-appell.